# It-Tlieta u Għoxrin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Jekk ma twiddibx lill-midneb, demmu nfittxu minn idejk.*

Eżek 33, 7-9

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Eżekjel**

Dan jgħid il-Mulej:
7 «Lilek, o bniedem, qegħedtek għassies ta' dar Iżrael. Meta tisma' minn fommi xi kelma, għandek twiddibhom f'ismi.

8 Jekk jien ngħid lill-midneb: "Int tmut żgur," u int ma tkellmux u ma twiddbux biex jitlaq triqtu, hu, il-midneb, imut fi ħżunitu, imma demmu nfittxu minn idejk.

9 Imma jekk inti twiddeb il-midneb dwar triqtu biex jerġa' lura minnha u ma jerġax, hu jmut fi dnubu, imma int tkun salvajt ħajtek.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 94 (95), 1-2.6-7.8-9

R/. (8): Isimgħu leħen il-Mulej u la twebbsux qalbkom

1 Ejjew, ħa nfaħħru bl-hena l-Mulej,
ħa ngħajtu bil-ferħ lill-blata tas-salvazzjoni tagħna!
2 Nersqu quddiemu b'għana ta' radd il-ħajr,
ngħannulu b'għajat ta' ferħ. R/.

6 Ejjew inqimuh u ninxteħtu quddiemu,
għarkubbtejna quddiem il-Mulej li ħalaqna!
7 Għaliex hu Alla tagħna,
u aħna l-poplu tal-mergħa tiegħu u n-nagħaġ tiegħu. R/.

8 Mhux li kontu illum tisimgħu leħnu!
«La twebbsux qalbkom bħal f'Meriba,
bħal dakinhar f'Massa, fid-deżert,
9 meta ġarrbuni u ttantawni missirijietkom,
għalkemm raw dak li jien għamilt. » R/.

# Qari II

*L-imħabba hija l-milja tal-liġi.*

Rum 13, 8-10

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani**

Ħuti, [8]tkunu obbligati lejn ħadd ħlief li tħobbu lil xulxin. Kull min iħobb ikun iħares il-bqija tal-Liġi.

[9]Għax il-kmandamenti: «La tagħmilx adulterju, la toqtolx, la tisraqx, la tkunx rgħib,» u kull preċett ieħor, hu liema hu, kollha jinġabru f'kelma waħda: «Ħobb il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek.»

[10]L-imħabba ma tagħmilx deni lill-proxxmu; mela l-imħabba hi l-milja tal-Liġi.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

2 Kor 5, 19

Hallelujah. R/. Hallelujah
Alla kien li ħabbeb il-ħolqien miegħu nnifsu permezz ta' Kristu,
u fdalna l-ministeru ta' din il-ħbiberija.
R/. Hallelujah

## Evanġelju

***Jekk jisma' minnek, tkun irbaħt 'il ħuk.***

Mt 18, 15-20

**✠ Qari mill-Evanġelju skond San Mattew**

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: [15]«Jekk ħuk jaqa' f'xi
dnub, mur sibu waħdu u widdbu. Jekk jisma' minnek, tkun irbaħt
lura lil ħuk. [16]Jekk ma jismax, erġa' mur u ħu miegħek wieħed jew
tnejn oħra, biex kull ma jingħad jissaħħaħ bil-kelma ta' żewġ xhieda
jew tlieta. [17]Jekk imbagħad anqas minnhom ma jkun irid jisma', mur
għid lill-knisja. U jekk anqas mill-knisja ma jkun irid jisma' żommu
b'wieħed pagan jew pubblikan.

[18]Tassew ngħidilkom, li kull ma torbtu fuq l-art ikun marbut fis-sema,
u kull ma tħollu fuq l-art ikun maħlul fis-sema.

[19]Ngħidilkom ukoll li jekk tnejn minnkom fuq l-art jgħollu
leħinhom flimkien biex jitolbu xi ħaġa, Missieri li hu fis-smewwiet,
jagħtihielhom. [20]Għax fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi
hemm inkun jien f'nofshom.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Tifħir lilek Kristu